TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

Avviz Numru CCT 28/13/GB

**Isabelle Borg**

**vs**

**Tanti Opticians**

Illum 29 ta' Mejju 2013

**It-Tribunal**

Wara li ha konjizzjoni tal-Avviz fl-ismijiet fuq premessi pprezentati fl-24 ta' Jannar, 2013 fejn ir-rikorrenti talbet rifuzjoni ta' mitejn wiehed u ghoxrin Ewro u tmenin centezmi (€221.80) rapprezentanti l-prezz ta' nuccali tal-vista li xtrat minghand is-socjeta' ntimata, il-frame ta' liema nuccali beda jissaddad wara biss ftit xhur.

Is-socjeta' ntimata ma pprezentatx risposta bil-miktub ghal din it-talba, u lanqas attendiet ghas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda guramentata tar-rikorrenti li hija l-istess rikorrenti, u wara li ha konjizzjoni tal-fatti, kif ukoll tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

**Ikkonsidra s-segwenti:**

**Ir-rikorrenti ssottomettiet bil-miktub illi:-**

Fit-2 ta' Dicembru 2011, hija xtrat frame tal-metall 'Just Cavalli' b'lentijiet 'varifocal' ghall-prezz ta' mitejn wiehed u ghoxrin Ewro u tmenin centezmi (€221.80). Wara ftit tax-xhur il-frame beda jittikkja u hargu tikek tas-sadid. Ghalhekk, ir-rikorrenti marret tilmenta mas-socjeta' ntimata, fejn hija ddecidiet li tibghat il-frame gewwa l-workshop lokali qabel ma tibghatu barra, biex tara minn x'hiex seta' gralu hekk. Meta l-frame nghata lura lir-rikorrenti, kien tnehhielu ftit tas-sadid, izda fejn intmiss il-'lacquer' tal-frame, gie mqaxxar. Sadanittant, is-socjeta' ntimata qalet illi

kienet qed titkkorrispondi ma' barra biex jibghatulha frame iehor, pero' sa xahar wara r-rikorrenti ma kellha ebda risposta.

Ir-rikorrenti ezebiet dokumentazzjoni relattiv.

**It-Tribunal jinnota illi:-**

Is-socjeta' ntimata, debitament notifikata kemm bl-Avviz tat-Talba kif ukoll bid-data u l-hin tas-smiegh, u msejjha tliet darbiet, m'attendietx ghas-seduta, kif ukoll jinnota li sal-hin tas-seduta s-socjeta' ntimata kienet ghadha ma baghtietx risposta bil-miktub.

It-Tribunal jikkonsidra illi fix-xhieda guramentata tar-rikorrenti, hija regghat ikkonfermat il-verzjoni taghha bil-miktub.

Ir-rikorrenti ezebiet in-nuccali in kwistjoni *animo ritirandi* waqt is-seduta.

**Ghal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, wara li kkonsidra dak kollu hawn fuq premess, jinnota n-nuqqas ta' rispett da parte tas-socjeta' ntimata lejn ir-rikorrent, billi ma pprezentat l-ebda risposta ghat-talba in kwistjoni, kif ukoll in-nuqqas ta' rispett li ntwera lejn dan it-Tribunal, billi lanqas biss indenjat ruhha tidher ghall-udjenza appuntata. It-Tribunal jikkonkludi, hekk skond il-provi, illi kien hemm nuqqas fis-servizzi tas-socjeta' ntimata lejn ir- rikorrenti konsumatur, u ghalhekk qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti, u jordna lis-socjeta' ntimata thallas l-ammont ta' mitejn wiehed u ghoxrin Ewro u tmenin centezmi (€221.80) lir-rikorrenti, bl-ispejjez tal-kawza kontra s-socjeta' ntimata.

**Avv. Gabrielle Buttigieg**
**Arbitru**